**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 11 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 99//2021PM1**

**ABB Limited (C80529)**

**Vs**

**L.G. Contractors Limited (C87919)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu, 2021 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li dik konvenuta tigi kkundannata thallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' erbat elef, mija erbgha u sebghin euro u sebgha u tletin centezmi (4174.37) rapprezentanti import ta' cekk li kopja tieghu jinsab anness mal-istess avviz u li ma giex onorat ; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-18 ta' Marzu, 2021 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha gew ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz rapprezentanti kopja tac-cekk mertu tal-azzjoni odjerna.

Ra li l-konvenut gie ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi imma fil-fatt jidher li fil-mori tal-istess proceduri hallset ukoll l-ammont mitlub salv l-ispejjez relattivi ghall-istess kawza li baqghu allura mitlubin mis-socjeta` attrici.

Ra illi waqt is-seduta tal-10 ta' Gunju, 2021, konsegwentement ghall-hlas imsemmi, l-avukat tas-socjeta` attrici prezenta nota li permezz taghha ceda t-talba sakemm din tirrigwardja s-sorte u zamm ferm il-posizzjoni tal-istess socjeta` fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza.

Illi ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2021, 10 ta' Gunju, 2021 u ghas-seduta tal-lum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2021 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. It-Tribunal isib ukoll li l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` konvenuta tenut kont tal-fatt li l-pagament mitlub sar biss wara li nfethet il-kawza odjerna u konsegwentement wara li s-socjeta` attrici giet kostretta tinkorri l-ispejjez relattivi ghall-istess.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba ghall-hlas tas-sorte stante n-nota ta' cessjoni datata 10 ta' Gunju, 2021, jilqa' t-talba kif rizervata ghall-ispejjez tal-kawza u

kwindi jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-istess socjeta` attrici l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**